## Il-bniedem tkun taf xi jsarraf meta tagħmilha miegħu

Dakinhar xejn ma ried jidħol f'moħħi. Mhux għax is-soltu nkun interessat wisq fil-lezzjoni bħal xi koċċ nerds li jkun hemm fil-klassi, iżda xi kelma 'l hawn u xi kelma 'l hemm dejjem jirnexxili nifhem. U aktar ma r-reliġjon kien suġġett li jraqqadni, il-vuċi senswali ta' Miss Brigante kienet kapaċi mhux biss tilluppjak iżda ġġiegħlek toħlom dwar l-anġli ċkejknin itiru minn sħaba għal oħra. Ħarist minn taħt il-għajn u lmaħt lil Tonio jħares lejja b'geddumu mserraħ fuq idu l-leminija u b'ħalqu mċarrat fi tbissima sfurzata.

Kien bniedem maqtugħ għalih waħdu sforz it-tgħajjir, il-kummenti u l-laqmijiet li kienu jintqalu minn sħabu tal-klassi. Fosthom "bookworm","il-kap tal-geeks", "Budda" u xi wħud kienu jsejħulu "l-qamar" (minħabba li l-parti l-kbira tal-ħin tiegħu tassew kien iqattgħu hemmhekk). Minkejja dan, Tonio kien wieħed mill-iktar studenti akkademikament bravi li qatt iltqajt magħhom. F'kull eżami (tneħħi r-reliġjon) id-disgħin dejjem kien jilħaqhom sew u l-8+ fil-marki tal-komponiment tas-sur Mifsud kienet titfaċċa f'kull karta. Issa l-akkwist ta' din it-tip ta' marka f'komponiment tal-Malti kienet meqjusa missjoni akkademikament impossibbli, iktar u iktar minn min jgħallem dan is-suġġett.

Fejn is-soltu kien ikun stirat fuq is-siġġu, idejh imkaħħla mal-pinna biex iniżżel sal-inqas dettall li kienu jgħidu l-għalliema, f'din il-lezzjoni ma nafx x'kien itih. Stħajjiltni l-ġara tagħna (magħrufa aħjar bħala l-BBC NEWS), nittawwal minn taħt il-għajn biex forsi nanalizza  r-raġuni għala dan is-suġġett kien daqstant allerġiku għalih. X'ħin rani nħares lejh tbissimli, u jien tbissimtlu lura.

"Glorja!"għedt f'qalbi malli daqqet il qanpiena. Għalxejn għajtet u tambret Miss Brigante biex tfakkarna fit-test tal-gimgħa d-dieħla għax, ħlief Tonio, kulħadd tar mill-klassi. Fi triqti lejn il-canteen irrealizzajt li ħallejt il-kartiera warajja. "'Aw, man, islifli xi tliet ewrini għax insejt il-flus fil-klassi!"għedt lil Marco, ħabib li ili nafu mill-kindergarten u li jippreferi joqgħod għarwien milli joqgod bil-guħ. "Eh, tgħid mhux hekk nibqgħu! Mhux qabel ma ttini lura l-ħames ewro li tajtek. U, *by the way*, dawk ewro u mhux ewrini!"weġibni hu.

Wara li sarkastikament irringrazzjajtu tal-ġest nobbli li għamel miegħi, ġrejt lura lejn il-klassi b'saqajja ma' dahri biex forsi ma nilħaqx il-kju indimonjat li jkun qiegħed jistenna biex jilħaq il-pizza ta' Mario. Smajt il-passi storbjużi u mgħaġġlin ġejjin mis-sular ta' fuq u indunajt li għalxejn kont se ngħaġġel u li kien tard wisq. Għalhekk naqqast il-pass u

hekk kif kont se nidħol fil-klassi, mit-twejqa bla ħġieġa li kont issib f'kull bieb tal-iskola, ilmaħt lil Tonio b'rasu baxxuta.

Kellu rasu ppuntata lejn il-ħobż ta' quddiemu, idejh marsusin flimkien u donnu beda jgemgem xi kliem u f'ħin minnhom anke beda jkanta. Wara xi ftit minuti nistenna, avolja ħassejtni kemxejn arroganti, ftaħt il-bieb bil-mod kemm jista' jkun u bqajt sejjer dritt lejn il-mejda tiegħi. Kelli nifsi maqtugħ b'dak il-ġiri kollu u b'ħatfa ta' xi wieħed iddisprat, ħriġt il-flixkun bir-reklam tas-7UP fuqu u qbadt nixrob qisni żrinġ.

"Grazzi man." Kważi xraqt għax ma kontx naf kienx kellimni xi ħadd jew le. Erġajt tfajt il-flixkun ma' ħalqi u għat-tieni darba rġajt smajt l-istess kliem. Stħajjiltni Samwel, ikellmu l-Mulej iżda ma jindunax. Ħarist lura lejn Toni u staqsejtu, "Int lili qed tgħid, sieħbi?" "Iva," weġibni hu, "ridt ngħidlek grazzi għax mill-klassi kollha int l-uniku wieħed li tirrispettani u ma tgħajjarnix minħabba li jien Musulman."

"Musulman?"werżaqt f'qalbi. "Lanqas biss kont naf u probabbilment għalhekk ma jmurx tajjeb fis-suġġett tar-Reliġjon għax għandu twemmin differenti minn tagħna,"issuktajt nitħaddet waħdi.

"Tagħtix kashom Ton, isma' minni. Anzi qum minn hemm u ejja miegħi fil-grawnd u mela toqgħod hawn waħdek jew!" Skoprejt li Tonio ma kienx dak il-bniedem stramb li kienu jpinġu sħabi u fi ftit jiem sirna ħbieb kbar.

Il-ġimgħa l-oħra, is-sur Mifsud beda jkellimna dwar l-idjomi u l-espressjonijiet Maltin. Beda jsaqsina xi jfissru u f'ħin minnhom staqsa, "Mela min jaf jgħidli xi tfisser l-espressjoni: Il-bniedem tkun taf xi jsarraf meta tagħmilha miegħu?" Għollejt idi sparata, għemiżt lil Tonio u tajt lis-ser tweġiba perfetta.

---

**Jacob Piccinino**
student tal-Malti tal-Ewwel Sena, Livell Avvanzat, 2008-09

Ħajr lis-Sur Immanuel Mifsud